VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,285, 22 ta' Lulju, 2014*
*Taqsima B*

**A.L. 258 tal-2014**

## ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

## Ordni tal-2014 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2014 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3).

Proprjetà speċifikata.

**2.** Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

**3.** Il-proprjetà speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mid-19 ta' Ġunju, 2014.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

**4.** Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Blokk, magħruf bħala Blokk C5 li jikkonsisti f'sittax il-*flat*, li minnhom erbgħa qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti fil-Qasam tad-Djar Ta' Paris, Birkirkara. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' Triq Fonsu Marija Galea, u mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' passaġġ pubbliku. Il-*flats* enumerati 2 u 4 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 66997 u 66999 rispettivament u l-*flats* enumerati 7 sa 16 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 67002 sa 67011. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet reġistrata bħala Tenement Nru. 51057 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block C5" fuq il-pjanta P.D. 2013_747. (HAA 185/2013, HAA 2/2013).

(2) Blokk, magħruf bħala Blokk B li jikkonsisti f'sittax il-*flat*, li minnhom erbgħa qed jiġu eskluż mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq San Franġisk Saverju, Birżebbuġia. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral, mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern. Il-*flats* enumerati 2 u 3 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 69061 u 69062 rispettivament, il-*flats* enumerati 6 sa 13 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 69065 sa 69072 u l-*flats* enumerati 15 u 16 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 69074 u 69075 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet reġistrata bħala Tenement Nru. 50794 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block B" fuq il-pjanta P.D. 2014_274. (HAA 32/2014).

(3) Blokk, magħruf bħala Blokk D li jikkonsisti f'sittax il-*flat*, li minnhom erbgħa qed jiġu eskluż mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq San Gwann, Birżebbuġia. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral, mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern. Il-*flats* enumerati 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 72060 u 72061 rispettivament, il-*flat* enumerat 5 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 72064 u l-*flats* enumerati 7 sa 16 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 72066 sa 72075. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet reġistrata bħala Tenement Nru. 50794 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block D" fuq il-pjanta P.D. 2014_275. (HAA 33/2014).

(4) Blokk, magħruf bħala Binja F Sciberras li jikkonsisti fi tnejn u tletin *flat*, li minnhom dsatax qed jiġu eskluż mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti u bl-esklużjoni tal-proprjetà sottostanti fi Triq Pietro Floriani u Pjazza Filippo Sciberras, Furjana. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq San Franġisk, mil-Lbiċ ma'Triq Pietro Floriani u mix-Xlokk ma' Triq il-Kappuċini. Il-*flats* enumerati 1 sa 4 Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 77568 sa 77571, il-*flats* enumerati 6 u 8 Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 77573 u 77575 rispettivament, il-*flat* enumerat 1 Entratura B jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 77576, il-*flats* enumerati 3 sa 8 Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 77578 sa 77583 u l-garaxx jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 78106. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li mhux reġistrata u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "A" u "B" fuq il-pjanta P.D. 2013_387. (HAM 6/92, HAA 58/2014, HAA 59/2014).

VERŻJONI ELETTRONIKA



(5) L-amministrazzjoni ta' blokk, magħruf bħala Blokk 3 li jikkonsisti f'disa' *flats* u bl-esklużjoni tal-proprjetà sottostanti fi Triq Sant'Anna, Triq is-Sur u Triq il-Miratur, Furjana. Dan il-blokk imiss mill-Grigal ma' Triq is-Suq, mil-Lbiċ ma' Triq il-Miratur u mix-Xlokk ma' Triq Sant'Anna. Dan il-blokk jikkonsisti fi tliet entraturi kif ġej:

(a) tliet *flats* aċċessibbli minn entratura komuni bin-numru tal-Bieb Nru. 46 u jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 63366 sa 63368;

(b) tliet *flats* aċċessibbli minn entratura komuni bin-numru tal-Bieb Nru. 7 u jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 63369 sa 63371; u

(ċ) tliet *flats* aċċessibbli minn entratura komuni bin-numru tal-Bieb Nru. 71 u jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 63372 sa 63374.

L-art li fuqha hemm dan il-blokk bini tinsab fuq proprjetà li qiegħda fil-proċess li tiġi akkwistata mill-Gvern. Il-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block 3" fuq il-pjanta P.D. 2013_644. (HAA 196/2012, HAA 152/2012, HAA 192/2012).

(6) Bieb Nru. 13, li jikkonsisti fi tliet *flats* u bl-esklużjoni tal-proprjetà sottostanti fi Triq Pietru Floriani, Furjana u jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 63709 sa 63711. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq Sant'Anna, mill-Grigal ma'Triq Pietro Floriani u mil-Lbiċ ma' proprjetà li tinsab fil-proċess li tiġi akkwistata mill-Gvern. L-art li fuqha hemm dan il-blokk bini tinsab fil-proċess li tiġi akkwistata mill-Gvern. Il-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2013_656. (HAA 151/2012).

(7) Żewġ blokkijiet, magħrufin bħala Blokk D u Blokk E fil-Qasam tad-Djar tar-Rabbat, Ħamrun u jmissu mill-Grigal parti ma' proprjetà tal-Gvern u parti ma' spazju miftuħ pubbliku u mil-Lbiċ u mix-Xlokk parti ma' proprjetà tal-Gvern u parti ma' passaġġ pubbliku. Dawn il-blokkijiet jinsabu fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 116/2005 datat it-3 ta' Frar 2005 u b'Kuntratt Nru. 10/95 datat l-1 ta' Frar 1995 fl-atti tan-Nutar V. Miceli u jinsabu delineati bl-aħmar u mmarkati "Blk. D" u "Blk. E" fuq il-pjanta P.D. Nru. 2014_220, kif ġej:

(a) Blokk D jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li diġa` kien trasferit b'avviż legali. Il-*flats* enumerati 1 sa 4 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 66665 sa 66668 u l-*flats* enumerati 6 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 66670 sa 66672; u

(b) Blokk E jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li diġa` kien trasferit b'avviż legali. Il-*flats* enumerati 1 sa 3 jinsabu reġsitrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 66673 sa 66675 u l-*flats* enumerati 5 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 66677 sa 66680. (HAA 165/2013, HAA 214/2013).

(8) Biċċa art li tikkonsisti fi Plots 21 sa 24 fi Triq Giovanni Ricasoli u Triq it-Turretta, Kalkara u li tmiss mill-Grigal ma' Triq it-Turetta, mix-Xlokk ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar u mill-Majjistral ma' Triq Giovanni Ricasoli. Il-plots enumerati 21 sa 24 jinsabu reġsitrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri X06143 sa X06146. L-art li fuqha hemm dawn il-plots tinsab fuq proprjeta` tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 553 datat il-11 ta' Ġunju, 2014 u bl-Att dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini (Att I tal-1983) u jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 58_96_2. (HAM 134/86).

(9) Blokk magħruf bħala Blokk 1, Entraturi A, B u C fi Triq il-Villa tal-Ammiral, Triq l-Għassieli u Triq tas-Salvatur, Kalkara u l-blokk sħiħ imiss mix-Xlokk ma' Triq l-Għassieli, u mil-Lbiċ ma' Triq il-Villa tal-Ammiral u mill-Grigal ma' Triq tas-Salvatur. Dan il-blokk jinsab fuq parti mill-proprjetà tal-ex Servizzi 16553 u jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block 1" fuq il-pjanta P.D. 2013_675, kif ġej:

(a) Entratura A tikkonsisti fi tmien *flats* u sit, li minnhom *flat* wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li diġa` kien trasferit b'avviż legali preċedenti. Il-*flat* enumerat1 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 76295 u l-*flats* enumerati 3 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 76297 sa 76302;

(b) Entratura B tikkonsisti fi tmien *flats*, sitt garaxxijiet u ħanut wieħed, li minnhom *flat* wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti. Il-*flats* enumerati 1 sa 5 jinsabu reġistrati mal-

VERŻJONI ELETTRONIKA



Gvern bħala Tenements bin-numri 76480 sa 76484, il-*flats* enumerati 7 u 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 76486 u 76487 rispettivament u l-garaxxijiet enumerati 1 sa 7 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 76791 sa 76797; u

(ċ) Entratura C tikkonsisti fi tmien *flats* li jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 76488 sa 76495. (HAA 246/2012, HAA 247/2012, HAA 70/2011).

(10) Biċċa art li tikkonsisti fi plots 293 sa 295, ta' madwar 433.50 metru kwadru fi Triq l-Argentina u Triq Gibiltà, Naxxar, li tmiss mill-Grigal ma' Triq Gibiltà, mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Awtorità tad-Djar jew tas-suċċessuri tagħha fit-titolu u mill-Majjistral ma' Triq l-Argentina. Din l-art tinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 71 datata t-23 ta' Jannar 2012, b'Kuntratt Nru. 9/97 datat id-29 ta' Novembru 1997 it-tnejn fl-atti tan-Nutar V. Miceli, bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 468 datata l-14 ta' Mejju 2014 u b'Kuntratt datat it-28 ta' Awwissu 1974 fl-atti tan-Nutar A. Grech, li tinsab delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2012_469_2. (HAM 854/88).

(11) Blokk, magħruf bħala Blokk 14 li jikkonsisti f'sittax il-*flat*, li minnhom tlieta qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, u bl-inklużjoni tal-ġonna ċirkostanti fi Triq l-Istefanotis u Triq R. Caruana Dingli, San Gwann. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq R. Caruana Dingli, mil-Grigal ma' triq pubblika u mix-Xlokk ma' Triq l-Istefanotis. Il-*flats* enumerati 1 u 2, Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 71408 u 71409 rispettivament, il-*flats* enumerati 4 sa 8 Entratura A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 71411 sa 71415, il-*flats* enumerati 9 sa 12 Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 71416 sa 71419 u l-*flats* enumerati 14 u 15 Entratura B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 71421 u 71422 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet reġistrata bħala Tenement Nru. 51328 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block 14" fuq il-pjanta P.D. 2013_722. (HAA 93/2013, HAA 94/2013).

(12) Blokk, magħruf bħala Blokk C li jikkonsisti f'sittax il-*flat*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż minħabba li diġà kien traferit b'avviż legali preċedenti, tliet garaxxijiet u bl-inklużjoni tal-ġonna ċirkostanti u passaġġi li jwasslu għall-blokk fi Triq ic-Cikwejra, Santa Luċija. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral

ma' spazju miftuħ pubbliku, mil-Lbiċ ma' Triq ic-Cikwejra u mix-Xlokk ma' Triq Guljetta Lopez. Il-*flats* enumerati 2 sa 8 Bieb A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 66610 sa 66616, il-*flats* enumerati 9 sa 16 Bieb B jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 66617 sa 66624 u l-garaxxijiet enumerati 1 sa 3 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 72271, 72272 u 72633 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bil-Kuntratt Nru. 49/78 datat l-24 ta' Marzu 1973 fl-atti tan-Nutar A. Grech u b'Kuntratt Nru. 93/78 datat is-27 ta' Frar 1978 fl-atti tan-Nutar Borg Barthet u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-iswed u mmarkat "Block C" fuq il-pjanta P.D. 2013_608_A. (HAA 268/2012, HAA 34/2014).

(13) Biċċa art, magħrufa bħala Plot 6 fi Triq in-Narcis, Santa Luċija, ta' madwar 144 metru kwadru u tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar u mill-Grigal ma' Triq in-Narcis. L-art hi soġġetta għal ċens temporanju għal perjodu ta' 150 sena b'Kuntratt Nru. 388/59 datat il-21 ta' Novembru 1959 fl-atti tan-Nutar A. Attard, b' Kuntratt Nru. 96/61 fl-atti tan-Nutar H. Borg u b'Kuntratt Nru. 16/73 datat is-27 ta' Jannar 1973 fl-atti tan-Nutar A. Grech u tinsab reġistrata fl-atti tad-Direttorat għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement Nru. 65536 u delineata bl-aħmar u mmarkata "No. 6 (P. 73)" fuq il-pjanta L.D. 11_80_71 (HAP 5/2013).

(14) Spazji għal karozzi bin-numri 1, 5 u 6 fi blokk magħruf bħala "Clock Tower Block T1" f'Tignè Point, Sliema, kif muri fuq il-pjanta P.D. 194_2004_12, kif ġej:

(a) l-ispazju għal karozza bin-numru 1 hu ta' madwar 14 il-metru kwadru u jmiss mil-Lbiċ, mix-Xlokk u mill-Grigal ma' proprjetà ta' MIDI plc. L-ispazju għal karozza bin-numru 1 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. E20728 u jinsab fil-Livell 0 u delineat bl-aħmar u mmarkat "01" fuq il-pjanta P.D. 194_2004_12;

(b) l-ispazju għal karozza bin-numru 5 hu ta' madwar 13 il-metru kwadru u jmiss mix-Xlokk ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar jew tas-suċċessuri tagħha fit-titolu u mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà ta' MIDI plc. L-ispazju għal karozza bin-numru 5 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. E20731 u jinsab fil-Livell 0 u delineat bl-aħmar u mmarkat "05" fuq il-pjanta P.D. 194_2004_12; u

VERŻJONI ELETTRONIKA



(ċ) l-ispazju għal karozza bin-numru 6 hu ta' madwar 13 il-metru kwadru u jmiss mix-Xlokk ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar jew tas-suċċessuri tagħha fit-titolu u mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà ta' MIDI plc. L-ispazju għal karozza bin-numru 6 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. E20732 u jinsab fil-Livell 0 u delineat bl-aħmar u mmarkat "06" fuq il-pjanta P.D. 194_2004_12.

Dawn l-ispazji għal karozza jinsabu fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 133 datat it-30 ta' Ġunju 2005 u b'Kuntratt Nru. 213 datat id-19 t'Ottubru 2005, it-tnejn fl-atti tan-Nutar V. Miceli. (HAA 27/2008).

(15) Blokk, magħruf bħala Blokk Z1 li jikkonsisti f'sittax il-*flat*, li minnhom tmienja qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, u bl-inklużjoni tal-ġonna ċirkostanti u passaġġi li jwasslu għall-blokk fil-Qasam tad-Djar f'Ta' Farzina, limiti ta' Qormi. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' Triq Ta' Farzina, mix-Xlokk ma' Triq il-Ħelsien u mill-Majjistral ma' passaġġ pubbliku. Il-*flats* enumerati 1 sa 3 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70163 sa 70165, il-*flats* enumerati 5 u 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70167 u 70168 rispettivament, il-*flats* enumerati 10 u 11 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70172 u 70173 rispettivament u l-*flat* enumerat 15 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 70177. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 134/82 datat is-26 ta' Mejju 1982 u b'Kuntratt Nru. 323/75/G datat id-29 t'Ottubru 1975, it-tnejn fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block Z1" fuq il-pjanta P.D. 2013_594. (HAA 1/2013).

(16) Blokk, magħruf bħala Blokk Z2 li jikkonsisti f'sittax il-*flat*, li minnhom sebgħa qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, u bl-inklużjoni tal-ġonna ċirkostanti u passaġġi li jwasslu għall-blokk fil-Qasam tad-Djar f'Ta' Farzina, limiti ta' Qormi. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' Triq Ta' Farzina, mill-Majjistral ma' passaġġ pubbliku u mill-Grigal ma' Triq id-Deheb Fin. Il-*flats* enumerati 2 sa 4 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70180 sa 70182, il-*flats* enumerati 9 sa 11 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70187 sa 70189, u l-*flats* enumerati 13 sa 15 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70191 sa 70193. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 134/82 datat is-26 ta' Mejju

1982 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block Z2" fuq il-pjanta P.D. 2013_595. (HAA 241/2011).

(17) Blokk, magħruf bħala Blokk Z3 li jikkonsisti f'sittax il-*flat*, li minnhom ħamsa qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, u bl-inklużjoni tal-ġonna ċirkostanti u passaġġi li jwasslu għall-blokk fil-Qasam tad-Djar f'Ta' Farzina, limiti ta' Qormi. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' Triq Ta' Farzina, mill-Majjistral ma' passaġġ pubbliku u mill-Grigal ma' Triq id-Deheb Fin. Il-*flat* enumerat 2 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 70196, il-*flats* enumerati 4 sa 7 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70198 sa 70201, il-*flats* enumerati 9 sa 11 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70203 sa 70205 u l-*flats* enumerati 14 sa 16 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70208 sa 70210. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 134/82 datat is-26 ta' Mejju 1982 fl-atti tan-Nutar A. Grech u b'Kuntratt Nru. 81/85 datat it-8 ta' Marzu 1985 fl-atti tan-Nutar F. Portelli u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block Z3" fuq il-pjanta P.D. 2013_596. (HAA 2/2013).

(18) Blokk, magħruf bħala Blokk Z4 li jikkonsisti f'sittax il-*flat*, li minnhom tlieta qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, u bl-inklużjoni tal-ġonna ċirkostanti u passaġġi li jwasslu għall-blokk fil-Qasam tad-Djar f'Ta' Farzina, limiti ta' Qormi. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' Triq Ta' Farzina, mill-Grigal ma' Triq id-Deheb Fin u mill-Majjistral ma' passaġġ pubbliku. Il-*flats* enumerati 1 sa 4 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70211 sa 70214, il-*flat* enumerat 6 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 70216, il-*flats* enumerati 8 u 9 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70218 u 70219 rispettivament u l-*flats* enumerati 11 sa 16 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70221 sa 70226. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 51/80/G datat it-2 t'April 1980 fl-atti tan-Nutar A. Grech u b'Kuntratt Nru. 81/85 datat it-8 ta' Marzu 1985 fl-atti tan-Nutar F. Portelli u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block Z4" fuq il-pjanta P.D. 2013_597. (HAA 219/2012).

(19) Blokk, magħruf bħala Blokk Z5 li jikkonsisti f'sittax il-*flat*, li minnhom tlieta qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, u bl-

VERŻJONI ELETTRONIKA



inklużjoni tal-ġonna ċirkostanti u passaġġi li jwasslu għall-blokk fil-Qasam tad-Djar f'Ta' Farzina, limiti ta' Qormi. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' Triq Ta' Farzina, mill-Grigal ma' Triq id-Deheb Fin u mill-Majjistral ma' passaġġ pubbliku. Il-*flats* enumerati 1 sa 11 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70227 sa 70237 u l-*flats* enumerati 13 u 16 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70239 u 70242 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 51/80/G datat it-2 t'April 1980 u b'Kuntratt Nru. 182/76/G datat id-9 ta' Ġunju 1976, it-tnejn fl-atti tan-Nutar A. Grech u b'Kuntratt Nru. 81/85 datat it-8 ta' Marzu 1985 fl-atti tan-Nutar F. Portelli u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block Z5" fuq il-pjanta P.D. 2013_598. (HAA 3/2013).

(20) Blokk, magħruf bħala Blokk Z6 li jikkonsisti f'sittax il-*flat*, li minnhom ħdax qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti, u bl-inklużjoni tal-ġonna ċirkostanti u passaġġi li jwasslu għall-blokk fil-Qasam tad-Djar f'Ta' Farzina, limiti ta' Qormi. Dan il-blokk imiss mill-Punent ma' Triq Ta' Farzina, mill-Grigal ma' Triq id-Deheb Fin u mill-Majjistral ma' passaġġ pubbliku. Il-*flat* enumerat 3 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 70245, il-*flat* enumerat 8 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 70250, il-*flats* enumerati 10 u 11 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 70252 u 70253 rispettivament u l-*flat* enumerat 15 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala Tenement Nru. 70257. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 134/82 datat is-26 ta' Mejju 1982 fl-atti tan-Nutar A. Grech u b'Kuntratt Nru. 81/85 datat it-8 ta' Marzu 1985 fl-atti tan-Nutar F. Portelli u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block Z6" fuq il-pjanta P.D. 2013_599. (HAA 4/2013).

(21) Erba' blokkijiet magħrufa bħala Blokkijiet 1, 2, 11 u 12 fi Vjal de la Cruz, Qormi, kif ġej:

(a) Blokk 1 jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom erbgħa qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti u jmiss mill-Grigal u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' Vjal de la Cruz. Il-*flats* enumerati 3 u 4 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 64166 u 64167 rispettivament u l-*flats* enumerati 7 u 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 64170 u 64171 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern Tenement Nru. 51197 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block 1" fuq il-pjanta P.D. 2013_637;

(b) Blokk 2 jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom erbgħa qed jiġu eskluży mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti u jmiss mil-Lbiċ u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' Vjal de la Cruz. Il-*flats* enumerati 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 64172 u 64173 rispettivament u l-*flats* enumerati 7 u 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 64178 u 64179 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern Tenement Nru. 51197 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block 2" fuq il-pjanta P.D. 2013_637;

(ċ) Blokk 11 jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom erbgħa qed jiġu eskluży mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti u jmiss mit-Tramuntana u mill-Majjistral ma' passaġġ pubbliku u mix-Xlokk ma' Vjal de la Cruz. Il-*flats* enumerati 1, 5, 6 u 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 64236, 64240, 64241 u 64243 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern Tenement Nru. 51197 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block 11" fuq il-pjanta P.D. 2013_629; u

(d) Blokk 12 jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom sitta qed jiġu eskluży mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti u jmiss mit-Tramuntana u mill-Majjistral ma' passaġġ pubbliku u mix-Xlokk ma' Vjal de la Cruz. Il-*flats* enumerati 2 u 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 64245 u 64251 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern Tenement Nru. 51197 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block 12" fuq il-pjanta P.D. 2013_629. (HAA 5/2013, HAA 6/2013, HAA 7/2013, HAA 8/2013).

(22) Blokk magħruf bħala Blokk E5 li jikkonsisti fi tmien *flats* li minnhom sitta qed jiġu eskluży mit-trasferiment minħabba li diġa` kienu trasferiti b'avviż legali preċedenti fil-Qasam tal-Bini Tal-Gvern, Ta' Xbiex. Dan il-blokk imiss mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern, minn Nofsinhar ma' passaġġ pubbliku u mit-Tramuntana ma' triq pubblika. Il-*flats* enumerati 2 u 7 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala Tenements bin-numri 71473 u 71478 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bil-Kuntratt Nru. 193/77/G datat il-21 ta' Settembru, 1977 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block E5" fuq il-pjanta P.D. 2013_640. (HAA 227/2012).